MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Numru 592/2007

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Jason Grech, iben Joseph, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ marzu, 1981

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f’xi żmien wara d-29 ta’ jannar, 2007, f’diversi bnadi f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b’kull mod li jkun indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxuhom, u cioe’ laqa’ għandu mobile phone tal-għamla Motorola V, liema mobile hu proprjeta’ ta’ Carmen Vella mir-Rabat, Għawdex u/jew persuni oħra, liema serq ta’ l-imsemmi mobile hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' jannar, 2008 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-mobile in kwistjoni ġie ritornat lil sidu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' jannar, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali ta' l-imputat u l-ammisjoni bikrija tiegħu. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------